Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 459/10 (JE).

Janice Cohen

vs

Spot On Gypsum Ltd.

Illum, 23 ta' Frar 2012.

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' Janice Cohen tad-29 ta' Lulju 2010 illi permezz tiegħu talbet ir-rifużjoni tas-somma ta' € 2,463 minħabba xogħol ta' aluminju difettuż li s-soċjetà ntimata waħħlet fir-residenza tagħha, liema difetti ma ġewx rimedjati,spejjeż tal-perit u għal ħġieġa mkissra.

Ra r-risposta tas-soċjetà ntimata illi permezz tagħha ċaħdet t-talbiet tar-rikorrenti u sostniet illi x-xogħol sar skond is-sengħa u l-arti u illi mis-somma pretiża, € 699 kienu għal xogħol tal-gypsum illi fir-rigward tiegħu ma kien hemm l-ebda lamentela.

Ra l-provi tal-partijiet kif ukoll ir-rapport tal-perit tekniku, Vincent Ciliberti.

Ikkunsidra.

Illi kemm mir-rapport tal-perit tekniku kif ukoll mir-rapporti ex parte tal-perit Duncan Mifsud u Melanie Spiteri, jidher evidenti illi x-xogħolijiet imwettqa mis-soċjetà ntimata m'humiex tal-livell mixtieq. Inoltre, minkejja illi s-soċjetà ntimata ngħatat kemm il-opportunità sabiex tirrimedja dak li kien rimedjabbli, naqset illi tagħmel dan u minflok inħliet f'polemiċi sterili.

Illi fix-xhieda tiegħu viva voce fis-seduta tal-5 ta' Jannar 2012, il-perit tekniku Vincent Ciliberti ddubita kemm hu possibli illi jista' jsir xogħol rimedjali għas-sodisfazzjon tar-rikorrenti in vista tal-entità tad-defiċjenzi riskontrati fl-aperturi in kwistjoni.

Illi fis-seduta tal-31 t'Ottubru 2011, ir-rikorrenti ċċarat illi hija qed tippretendi € 1,677 għall-aluminium, € 165 għar-rapport tal-periti ex parte, € 151 tal-perit tekniku, € 45 għal ħġieġa u € 25.50 sabiex tiftaħ il-kawża. Illi s-soċjetà ntimata bl-ebda mod ma kkontestat dawn il-figuri u għalkemm, ir-rikorrenti ma ġabietx il-provi kollha fir-rigward tal-ħlasijiet lill-periti ex parte, it-Tribunal huwa propens illi jaċċetta l-figuri msemmija.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament għas-somma ta' € 2,063.50, liema somma tinkludi ukoll l-ħlasijiet lill-perit tekniku, lill-periti ex

parte u sabiex tinfetaħ dina l-proċedura u jordna illi s-soċjetà intimata tneħħi l-aperturi in kwistjoni mid-dar tar-rikorrenti a spejjeż tagħha.

Bl-imgħax legali mid-data tal-lum sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż li m'humiex inklużi fis-suespost kontra s-soċjetà intimata.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.